

# Il-Baned Maltin



Clayton Bartolo

Il-każini tal-banda wisq probabbli kienu l-ewwel forma ta' każini soċjali li ġew iffurmati fl-irħula Maltin u Għawdxin. Dawn kienu jservu bħala post fejn jiltaqgħu n-nies tar-raħal matul is-sena. Madankollu, l-għan aħħari ta' kull kumitat li jmexxi banda hu li joffri l-aqwa servizz kemm fil-festa tar-raħal tiegħu u kif ukoll fid-diversi festi li jkunu se jdoqqu fihom.

Il-baned ilhom li ffurmaw għexieren ta' snin, u għalkemm illum il-ġurnata hawn min jaħseb li dawn naqqsu mill-popolarità, tajjeb wieħed jiftakar li dawn huma reklam mill-aqwa għall-festi u l-kultura Maltija. Il-baned kienu strumentali sabiex indokraw il-kultura mużikali fil-gżejjer Maltin u Għawdxin. Permezz tad-diversi kunċerti li jtellgħu, u xi kultant b'dik id-daqsxejn pika bejn banda u oħra, wieħed dejjem jimmira li jtejjeb il-livell mużikali milħuq mill-istess banda.

Il-baned Maltin għandhom rwol importanti ħafna fil-qasam tal-festi esterni, fejn flimkien man-nar tal-art u tal-ajru jiffurmaw il-pedamenti għall-festa li tkun se tiġi ċċelebrata. Dawn il-festi huma uniċi, u kapaċi jservu bħala vetrina għall-pajjiżna fuq skala internazzjonali, vetrina li rridu nieħdu ħsiebha sabiex tkompli trendi riżultati tajbin, u għalhekk kulħadd għandu jagħmel l-almu tiegħu sabiex il-festi jikbru u jattiraw iktar nies lejhom.

F'diversi rħula madwar Malta u Għawdex hemm iktar minn banda waħda, x'uħud jiċċelebraw l-istess festa bħal fil-każ tal-Mellieħa, filwaqt li oħrajn jiċċelebraw festi differenti. Hemm saħansitra rħula partikolari fejn iż-żewġ baned jiċċelebraw żewġ festi sekondarji u jieħdu sehem ukoll fil-festa titulari tar-raħal tagħhom. Sfortunatament, ġieli jkun hemm ċertu pika żejda li ma tagħmilx ġid lill-festa. Fil-Mellieħa dan mhux il-każ għall-fatt li l-baned Melleħin għarfu kif din il-pika jdawruha għal vantaġġ tagħhom sabiex itejbu l-livell tal-mużika li tindaqq sena wara l-oħra.

It-tradizzjoni tal-baned Maltin kienet saħansitra esportata lejn pajjiżi oħra fejn wieħed isib diversi Maltin li emigraw snin twal ilu, fosthom l-Awstralja. Fl-Awstralja wieħed isib il-banda tal-Maltin fi NSW magħrufa bħala **Our Lady Queen of Peace Maltese Band**, liema banda tilqa' fi ħdanha numru sabiħ ta' bandisti Maltin, u li minnhom hemm ħafna mill-Mellieħa. Din il-banda tagħti s-sehem tagħha fid-diversi festi li jiġu ċċelebrati fi NSW u kif ukoll f'ANZAC Day, li hija l-ikbar festa pubblika fl-Awstralja. Dawn il-Maltin komplew kabbru din it-tradizzjoni barra minn xtutna u għarfu wkoll kif ikabbru l-kultura u l-għarfien mużikali.

Il-baned Maltin żgur li ma setgħux ikunu suċċess mingħajr id-diversi membri u bandisti li jaħdmu fuq bażi volontarja. Dawn il-voluntiera jagħtu l-maġġoranza tal-ħin tagħhom sabiex il-banda tkompli tikber u tgħolli l-livell. Nagħlaq billi nawgura li kollox imur sew fil-festa tal-patruna tagħna Marija Bambina u nieħu din l-okkażjoni sabiex nawgura l-festa t-tajba lill-Melleħin kollha.

Viva Marija Bambina!

**HORACE ENTERPRISES LTD.**

*Trophies & Sports Goods* *Importer & Wholesaler*

**Horace Micallef**
Director

70, Triq Raymond Caruana, Gudja GDJ 1012 - Malta
Tel: (356) 2169 6302 • Mob: (356) 9942 0346 • Fax: (356) 2169 3397
Website: www.horace-ent.com • Email: horaceenltd@link.net.mt